## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**A. MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JURIS (EU LAW)**
**MAGISTRAT**

Il-Pulizija
(Supretendent Patrick Spiteri u
Spettur Raymond D'Anastasi)
vs
Michael James Cassar

814/00

Illum 9 ta’ Lulju 2001.

Il-Qorti:

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputat Michael James Cassar ta’ 35 sena bin Edward u Jill née Avres imwieled l-Ingilterra u residenti 202, Triq il-Hlewwa, Mellieha, detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 195884(M), akkuzat talli:

1. fis-17 ta’ Dicembru 2000 ghal habta tas-1.30 a.m. fis-Swieqi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan meta ikkaguna hsara fil-vetturi numri BBE 021 u JJJ 194 ghad-dannu ta’ Rita Portelli u Joseph Jason Joyce rispettivament, liema hsara hija izjed minn Lm500;

2. ghamel hsara fuq il-fond numru 51 ‘GUGA’ sitwat fi Triq it-Tiben, Swieqi, liema hsara ma tiskorrix Lm500 pero` hija izjed minn Lm50 u dan ghad-dannu ta’ Rita Portelli;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 356 Joseph Vella u PC 1135 Donatello Cortis, wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4. fl-istess cirkustanzi ndikati hawn fuq attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` kontra PC 356 Joseph Vella u PC 1135 Donatello Cortis fil-waqt li jkun jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied;

6. fl-istess cirkostanzi ndikati hawn fuq hedded bil-kliem lil Rita Portelli, Claire Portelli u Franco Portelli;

7. fl-istess cirkostanzi ndikati hawn fuq bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta’ haddiehor u cioe` ta’ Rita Portelli u/jew Claire Portelli.

Rat r-rinviju tal-Avukat Generali (folio 59) fejn baghat lura l-atti quddiem dina l-Qorti billi deherlu li mill-kumpilazzjoni setghet tinstab htija fl-imputat taht l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati b'dan li dina l-Qorti tiddecidi fuq l-akkuzi f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-istess imputat izda li qabel tisma' kull prova tal-prosekuzzjoni;

Semghet l-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma kellu ebda provi ohra;

Semghet l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti waqt li precedentement u precizament fil-5 ta' April 2001 kien irregistra ammissjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Ir-rinviju tal-Avukat Generali jakkuza l-imputat bir-reat ta' hsara volontarja, b'dak ta' ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici ohra jew offizi fuq il-persuna taghhom, b'attakk u rezistenza, u bi ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika.

L'incident meritu dina l-kawza sehh fis-17 ta' Dicembru tas-sena l-ohra.

L-imputat kien hawnhekk mar fejn kienet tabita l-ex gharusa tieghu u fost hafna storbju u tisbit kien irnexxielu jidhol gewwa d-dar fejn ikkawza danni fl-ammont ta' Lm95 u ikkawza wkoll xi danni f'ammont li ma giex specifikat fuq zewg vetturi li kienu fit-triq. Meta waslu l-pulizija fuq il-lok l-imputat irrezistihom.

Minn dan il-kwadru tal-fatti u l-provi li semghet din il-Qorti r-reati li bihom hu akkuzat jirrizultaw sodisfacjentement u minn fost z-zewg reati citati mill-Avukat Generali taht l-Artikolu 95 u 96 ghandu jirrizulta dak ir-reat sancit taht l-Artikolu 96, cioe` li l-imputat attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed **jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi.** Difatti fi kliem l-Ispettur Silvio Valletta meta wasal fuq il-post l-imputat gia` kien qieghed mizmum u beda jirrezisti. Mill-kumplament, kif gia` inghad, ir-reati kollha citati jirrizultaw pruvati sodisfacjentement u dan apparti mill-ammissjoni ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 96, 325(b), 338(dd) u 17 tal-Kap 9 niddeciedi li tikkundannah hmistax-il xahar prigunerija. Stante d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat hallas tal-hsara kollha li huwa kkaguna qeghdha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tordna li l-perijodu ta' prigunerija m'ghandhux jigi fis-sehh hlief jekk l-imputat jaghmel reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-‘tape’.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.